**29 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Emmanuel Bezzina *noe*

*versus*

Walter Bezzina *proprio et noe*

**Sekwestratur Ġudizzjarju – Depożitu**

*Appell minn digriet ta' l-ewwel Qorti li approvat l-operat ta' Sekwestratur Ġudizzjarju. Il-mertu ġie eżawrit fil-mori tal-kawża iżda utili r-riflessjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell dwar il-figura ta' Sekwestratur Ġudizzjarju.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-appell ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Settembru, 1984, li bih il-konvenut appellant waqt li għamel riferenza għar-rikors tiegħu li ġie dekretat mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' Settembru, 1984, talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-istess digriet tal-21 ta' Settembru, 1984, u konsegwentement tilqa' t-talba tiegħu *nomine* fir-rikors tiegħu msemmi, bl-ispejjeż;

Rat ir-rikors tal-konvenut *nomine* ppreżentat fil-Qorti tal-Kummerċ fl-4 ta' Settembru, 1984, li bih ippremetta illi:

1) "Huwa rċieva inkartament mingħand il-Perit Ġudizzjarju l-Avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace, fejn fih ġie infurmat illi huwa bħala sekwestratarju ġudizzjarju għandu bżonn l-assistenza ta' soċjetà oħra – Joseph Tabone & Co., – għall-amministrazzjoni tan-negozju ġestit fil-Marsa minn Bezzina Bros. Ltd.";

2) "Dan l-inkariku ser ikun jiswa lill-kumpanija Lm395 fil-ġimgħa";

3) "L-esponenti jopponi ruħu assolutament għal dak li qed jiġi propost";

4) "Fl-ewwel lok għandu jiġi mill-ewwel osservat illi s-soċjetà Bezzina Bros. Ltd., m'hix parti fil-kawża u ċertament

dik is-soċjetà ma tistax tiġi b'xi mod imdaħħla f'din il-kwistjoni; kwistjoni li *niente di meno* tiswa Lm20,000 fis-sena'';

5) ''Fit-tieni lok - *din hija* kawża għal-likwidazzjoni ta' soċjetà. Il-perit ġudizzjarju jrid jagħmel rapport jekk hemmx raġunijiet gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw xoljiment. Dak kull ma hemm in kawża u ma jidhirx li hemm xi ġustifikazzjoni, kif, minn din il-funzjoni l-perit ġudizzjarju jista' jieħu f'idejh amministrazzjoni ta' soċjetà, jew li jeżawtora d-diretturi u l-amministraturi tas-soċjetà. Dak li qed jiġi propost huwa kompletament ''*ultra vires*'' il-perit ġudizzjarju'';

6) Il-perit ġudizzjarju qed jagħmel *in-nota* tiegħu bħala ''sekwestratarju ġudizzjarju'';

Mhux ċar dak li qiegħed, jintendi b'daqshekk l-istess perit. M'hemm ebda ordni tal-Qorti - skond l-artikolu 854 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - *rigward xi oġġett li għandu jiġi ddepożitat* jew ikkonsenjat għand is-sekwestratarju ġudizzjarju; u talab;

Li dik il-Qorti tordna lill-perit ġudizzjarju li jneħħi mmedjatament l-inkariku minnu mogħti lis-soċjetà Joseph Tabone & Co.'';

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-21 ta' Settembru, 1984, mertu ta' dan l-appell li bih dik il-Qorti ''fiċ-ċirkostanzi'', ċaħdet it-talba u approvat l-operat ta' Dr. Joseph Micallef Stafrace;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat għar-rikors ta' l-appell tal-konvenut li bih issottometta illi:

1) Id-digriet ta' l-Ewwel Qorti ta' l-10 ta' Jannar, 1984 li bih ġie nnominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bħala sekwestratarju ġudizzjarju huwa skond il-liġi, u mhux permess lill-appellant, f'dan l-istadju inoltrat u wara l-iskadenza tat-terminu ta' l-appell, jikkontesta n-nomina, jew l-effetti tagħha;

2) Illi jekk is-sekwestratarju ġudizzjarju jidhirlu li għandu bżonn l-assistenza fl-espletament tal-funzjonijiet tiegħu, ir-rikjesta tiegħu għandha tiġi akkolta;

3) Illi huwa ma jaqbilx, u f'dan jassoċja ruħu ma' l-appellant, illi l-assistent tas-sekwestratarju ġudizzjarju għandu jiġi kkompensat bir-rata mitluba ta' Lm22,000 fis-sena. Huwa ġà rreġistra l-opposizzjoni tiegħu permezz ta' nota quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' verbal fis-seduta tat-3 ta' Frar, 1988, quddiem din *il-Qorti d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-*kwistjoni li tifforma l-mertu ta' dan l-appell illum tinsab sorpassata bħala fatt billi s-soċjetà qed tiġi mmexxija minn persuna estranea, ċjoè Joseph Carbonaro nnominat mill-Ministru tax-Xogħol;

Illi la hu hekk, u fil-fatt jidher mill-atti tal-proċess li effettivament mhux biss l-inkariku mogħti mis-sekwestratarju

ġudizzjarju lil Joseph Tabone ta' Joseph N. Tabone & Co., ġie sospiż iżda anki ta inkariku *lill*-perit legali, *il*-mertu *ta' dan* ir-rikors jinsab eżawrit u din il-Qorti m'hix ser tieħu aktar konjizzjoni tiegħu;

Jibqa' biss il-kap ta' l-ispejjeż;

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti hi tal-fehma li l-ispejjeż relattivi għal dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-istess appellant. Infatti Dr. Micallef Stafrace b'digriet ta' l-Ewwel Qorti ta' l-10 ta' Jannar, 1984, ma kienx ġie biss innominat bħala perit legali iżda ġie wkoll maħtur bħala *sekwestratarju ġudizzjarju* u għal dan il-fini l-Ewwel Qorti tatu l-fakultajiet u obbligi kollha previsti mil-liġi;

Illi hu ovvju li fir-rikors tiegħu ta' l-4 ta' Settembru, 1984, li għalih *jirriferixxi d-digriet appellat*, il-konvenut appellant jagħmel konfużjoni bejn il-vesti ta' Dr. Micallef Stafrace bħala perit ġudizzjarju u dik ta' sekwestratarju ġudizzjarju. Barra minn dan jiġi wkoll osservat li l-kritika ta' l-appellant għar-rigward tan-nomina u funzjoni tas-sekwestratarju ġudizzjarju in relazzjoni mal-mertu tal-kawża li fiha nqala' dan l-inċident hi kompletament żbaljata. Infatti mhux biss kienet ovvja f'din il-kawża, stante t-talbiet ikkontenuti fiċ-ċitazzjoni, il-ħtieġa ta' nomina ta' sekwestratarju ġudizzjarju iżda l-istess appellant akkwijexxa ruħu għall-istess nomina, anki jekk kien oppona għaliha qabel. Ma' dan jiżdied li ġà la darba l-Ewwel Qorti tat lis-sekwestratarju ġudizzjarju s-setgħat imsemmija dak li għamel l-istess sekwestratur ġudizzjarju kien in konformità ma' l-istess poteri li kellu li skond il-ġurisprudenza nostrana (Vol. XXVIII.II.508) jagħmluh depożitarju u amministratur ta' l-oġġetti lilu fdati in kustodja. F'dan il-każ ma jistax ikun hemm

dubbju x'ġie lilu fdat għax dan joħroġ mill-istess mertu tal-kawża li kienet proprju tirrigwarda l-pretensjoni li l-ażjenda tal-partijiet kellha tiġi xolta;

F'dan l-isfond id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li tapprova l-operat tas-sekwestratarju ġudizzjarju kienet ġusta għax dak li kien għamel l-istess sekwestratarju kien parti essenzjali u integrali mill-funzjonijiet tiegħu;

Għal dawn il-motivi filwaqt li tiddikjara l-mertu ta' dan l-appell bħala eżawrit u għalhekk ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu tiddeċidi l-kap ta' l-ispejjeż billi tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell jiġu sopportati mill-appellant.